Newspaper Review of *The Philosophy of Cosmic Spirituality*

by Anton Sammut

Originally published in *It-Torċa*, Sunday, 4 January 2015 (p. 49)

Reviewed by **Francis Galea**

This document includes:

A scanned copy of the original article (from *It-Torċa*, p. 49)

A full Maltese transcription

An English translation adapted for clarity and citation

ISBN of the reviewed book: 978-99957-0-747-7

Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika – ktieb ta' Anton Sammut


The Philosophy
of Cosmic Spirituality
As taught by Buddha, Jesus
and the greatest spiritual teachers of all time
Anton Sammut
Author of Memories of Recurrent Echoes
and The Other Side of the Judeo-Christian History

Fis-sena 2011, Anton Sammut, li fost ohrajn huwa l-awtur tar-rumanz filosofiku *Alte Vestiga* (2008), kien ħareġ il-ktieb ta' riċerka tiegħu *In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġu-deo-Kristjana*, fejn eventwal-ment sena wara ħareġ bl-Ingliż, bl-isem, *The Other Side of the Judeo-Christian History*.

Kif wieħed jista' jintebaħ mill-isem tal-ktieb, l-għan ta' dan l-istudju ma kienx biex iwassal l-istorja Ġudeo-Kristjana kif ġiet mgħoddija lilna mit-tagħlim uffiċjali, imma x'ġie ċċensurat mill-istess storja uffiċjali tar-reliġjon.

Eventwalment, fis-sena 2013, Sammut imbagħad ħareġ ktieb ta' studju ieħor, Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika, li din is-sena ħareġ bl-Ingliż bl-isem *The Philosophy of Cosmic Spirituality* (Traduzzjoni tas-sinjura Lourdes Micallef); trattat, li kif jgħid is-sottotitlu tiegħu jitkellem fuq spiritwalità filosofika waħda u komuni għal kulħadd; spiritwalità kożmika, li fost oħrajn għallmuha l-Budda, Ġesù, u nies kbar oħrajn.

F'dan il-ktieb naraw kif fost oħrajn Sammut irnexxielu jgħaqqad flimkien iż-żewġ paradigmi spiritwali li fuqhom jissejsu r-reliġjonijiet li għandna llum, fejn fuq in-naħa tal-Punent insibu l-Ġudaiżmu, il-Kristjaneżmu u l-Islam, u allura dik il-paradigma reliġjuża li tirrappreżenta 'l Alla kif ħafna minna nafu bih illum; u dik tal-Orjent, li fiha tassorbi l-akbar reliġjonijiet ta' dawk in-naħat, fosthom il-Ħindu, il-Buddiżmu, u t-Tao Ċiniż. Infatti, din il-viżjoni Orjentali tagħtina perspettiva pjuttost differenti minn dik tal-Punent, speċjalment fuq x'jifhmu bil-kunċett ta' Alla, li madankollu, l-essenza tibqa' prattikament l-istess, kif jurina tajjeb ferm l-awtur f'dan il-ktieb.

Il-ktieb – li huwa maqsum f'żewġ taqsimiet b'sitt kapitli l-waħda – jiftaħ b'introduzzjoni, li permezz tagħha l-awtur jagħti deskrizzjoni ġenerali fuq l-istorja l-oħra tal-Kristjanità; jiġifieri mhux dik li ġiet mgħoddija lilna mit-tagħlim uffiċjali, imma x'ġie ċċensurat mill-istorja uffiċjali tar-reliġjon. Dan wettqu biex b'ħekk din l-introduzzjoni tkun tista' sservi bħala sfond għat-tema tal-ktieb, fejn fih, fost oħrajn insibu temi li jikkumplimentaw ferm dan is-suġġett. Mistoqsijiet bħal: x'kienu jaħsbu l-filosfi bikrija tal-Grečja Klassika fuq Alla? X'jgħidulna l-kotba sagri tal-Orjent? X'inhu l-Brahman? X'inhi r-rikorrenza eterna, ir-rinkarnazzjoni, il-karma, u l-volontà ħielsa? X'inhi l-Konoxxenza tal-Bniedem? Min kien il-Budda, u kemm affettwa t-tagħlim tiegħu fuq il-formazzjoni spiritwali ta' Ġesù?

Dawn huma xi whud mill-mistoqsijiet li Sammut irnexxielu jagħti r-risposti tagħhom anki b'daqqa t'id tax-xjenza moderna li għandna llum, li permezz tagħha tkompli tgħin lill-qarrej jivviżwalizza l-universalità ta' dan it-tagħlim b'aktar faċilità. Għaldaqstant, mal-kors tal-ktieb, dan kollu se jurina li għalkemm fid-dinja jeżistu ħafna reliġjonijiet differenti, teżisti verament spiritwalità waħda u komuni għal kulħadd; spiritwalità kożmika, li ma tappartjenix lil xi reliġjon partikolari, imma hija ta' kulħadd.

Fuq dan il-ktieb filosofiku ta' Sammut, Prof. Michael Zammit, mid-Dipartiment tal-Filosofija fl-Università ta' Malta, jgħidilna hekk: "F'dil-kitba filosofika tiegħu, Anton Sammut se nsibuh jistħarreġ Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika, biex jiftaħ l-għajnejn ta' ħsieb tassew ġdid.

B'lehen ċar u pjuttost ġdid għall-ħsieb Malti, dan il-ktieb iwassalna biex nifhmu aħjar il-fatt li l-bniedem huwa l-Bniedem kullimkien, u għal dejjem; u li f'kull dimensjoni, saħansitra f'dik filosofiko-spiritwali, jasal biex iħabbat wiċċu mal-istess mistoqsijiet. Ma jistax jonqos mela li f'dil-kitba, Sam-mut ma jillimitax ruħu għat-tradizzjonijiet spiritwali u filosofiċi tal-Mediterran jew tal-Punent biss, imma jimraħ u jħares lejn il-Lvant Imbie-għed u t-tradizzjonijiet spirit-wali u filosofiċi bil-bosta eq-dem li nsibu ġejjin minn hemm; l-ħekk imsejjaħ Brah-maniżmu, Ħinduiżmu, Bud-diżmu u t-Tao, li lkoll kemm huma jisħqu li l-għeruq tagħ-hom jinsabu proprju f'din l-spiritwalità Kożmika.

U allura minn dan l-aspett niżzi ħajr lis-Sur Anton Sammut li b'dan il-ktieb fetaħ għajnejn il-għerf għal dan l-għarfien verament uniku fl-ambitu li nsibu rwieħna fih illum."

Wieħed jista' jikseb aktar informazzjoni mis-sit: www.antonsammut.com

Isbaħ minn kull tiżjin

Illum neħħejt it-tellix tal-Milied...
Neħħejt il-ponzjetta, 'il Santa Klaws,
l-istilel u l-kewbiet...
Neħħejt il-blalen tal-ħġieġ,
fidda u deheb kemm trid!
Neħħejt il-kartolini kollha,
statwetti ta' anġli, rgħajja u rejiet...
Neħħejt kollox.

Izda, żammejt:
it-tifkiriet, il-grajjiet u l-ħsibijiet...
Żammejt fuq kollox Lilek Ġesù Bambin...
Żammejtek f'qalbi.
Ser tibqa' mieghi kull ħin...
Wara kollox, int isbaħ minn kull tiżjin!

Josianne X. Azzopardi

L-ewwel 35,000,000 sena ta' ħajti

Kitba ta' Vanessa Ciantar; Tpingijiet ta' Martin Spiteri; Pubblikazzjoni: Heritage Malta

Bħalissa f'sala mill-isbaħ fil-Muzew tal-Arkeologija fil-Belt Valletta hemm għaddejja l-wirja ta' mitt oġġett li jsawru l-identità ta' Malta. Fost l-għadd kbir ta' oġġetti nsibu Ħaġar, ornamenti, stallett, għadam, maġna tal-qoton, statwa tal-appostlu missierna San Pawl, musbieh, muxrabija, mudell ta' baċir tat-tarzna, magna tal-ipprintjar u d-dikjarazzjoni ta' meta Malta saret Repubblika.

Heritage Malta qed tagħmel sforzi varji sabiex l-istorja għanja ta' pajjiżna tasal ukoll għand it-tfal. Għaldaqstant, fost oħrajn, nediet ukoll il-ktieb għat-tfal *L-ewwel 35,000,0000 sena ta' ħajti*. Dan hu ktieb miktub fl-ewwel persuna, daqs li kieku Malta qed tirrakonta l-istorja tagħha u għaldaqstant jitratta l-istorja ta' Malta mill-bidu sa żminijiet riċenti. Permezz ta' dan l-istil it-tfal aktar jistgħu jirrelataw ma' dak kollu li hu Malti u x'wassal sabiex dan il-pajjiż huwa dak li huwa llum.

L-istorja hija interessanti, imma sabiex tappella għat-tfal b'mod partikolari wieħed irid joqgħod aktar attent. L-awturi għarfu dan tajjeb ferm. Fil-fatt dan il-ktieb, kemm fl-istil u l-kitba ta' Vanessa Ciantar u kemm fil-preżentazzjoni u tpingijiet ta' Marin Spiteri hu adattat ferm għat-tfal sabiex isibuh interessanti.

L-istorja tibda 35 miljun sena ilu, u minn dak inhar nimxu pass pass ma' dak kollu li għadda minn dan il-pajjiż. Niltaqgħu aktar tard mal-ħakmiet diversi ta' dan il-poplu, il-Fenici, r-Rumani, Għarab, sa l-istorja aktar riċenti. Fi kliem ieħor qisu djarju ta' dan il-pajjiż sabiħ.

It-tfal huma il-ġejjieni ta' dan il-pajjiż, u għaldaqstant huwa importanti mmens li huma jkunu ambaxxaturi ta' dan il-pajjiż. U l-ewwel pass għandu jkun li minn issa jkunu jafu, sakemm jistgħu jifhmu huma, l-istorja ta' dan il-pajjiż u japprezzawha u jħobbuha.

Dan il-ktieb jagħmel parti mill-wirja *Malta – The Great Story of a small Island-Nation through 100 Objects*, li għandha sal-aħħar ta' Jannar, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet nazzjonali f'għeluq il-50 anniversarju mill-Indipendenza, 40 sena mit-twaqqif tar-Repubblika, 35 sena mill-Ħelsien u 10 snin mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Wieħed jista' jakkwista kopja ta' dan il-Ktieb mill-muzewijiet kollha ta' Heritage Malta, għall-prezz ta' €5.

This document is a verbatim transcription of the Maltese-language newspaper article reviewing the book **The Philosophy of Cosmic Spirituality** *(2014) by Anton Sammut. The article was originally published in* **It-Torċa** *on Sunday, 4 January 2015 (Letteratura section, p. 49).*

Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika – ktieb ta' Anton Sammut.

A Newspaper Review of The Philosophy of Cosmic Spirituality (2014) by Anton Sammut

Originally published in **It-Torċa**, Sunday, 4 January 2015 (Letteratura section, p. 49)[1]
ISBN: 978-99957-0-747-7

Fl-2011, Anton Sammut, li fost oħrajn huwa l-awtur tar-rumanz filosofiku *Alte Vestiga* tas-sena 2008, ippubblika x-xogħol tar-riċerka tiegħu *In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana* (2011), li sena wara ħareġ bl-Ingliż bl-isem *The Other Side of the Judeo-Christian History*.

Kif jindika t-titlu tiegħu, l-għan ta' dan l-istudju ma kienx li jippreżenta l-istorja Ġudeo-Kristjana kif ġiet mgħoddija mit-tagħlim uffiċjali, iżda li jixħet dawl fuq dak li ġie ċċensurat jew moħbi mill-istess storja uffiċjali tar-reliġjon.

Sussegwentement, fl-2013, Sammut ippubblika studju ieħor intitolat *Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika*, li din is-sena ħareġ bl-Ingliż bħala *The Philosophy of Cosmic Spirituality*. Kif jindikaw is-sottotitlu u l-kontenut tiegħu, il-ktieb jiftaħ diskors dwar spiritwalità filosofika waħda u universali — spiritwalità kożmika li kienet mgħallma, fost oħrajn, mill-Buddha, Ġesù, u figuri spiritwali kbar oħra.

F'dan il-ktieb, Sammut jirnexxilu jgħaqqad flimkien iż-żewġ paradigmi spiritwali prinċipali li fuqu huma mibnija r-reliġjonijiet tal-lum. Minn naħa, hemm it-tradizzjoni tal-Punent li tinkludi l-Ġudaiżmu, il-Kristjaneżmu u l-Iżlam — paradigma li tippreżenta lil Alla kif ħafna minna nafu bih. Mill-naħa l-oħra, hemm il-perspettiva tal-Orjent, li tinkludi r-reliġjonijiet ewlenin ta' dawk in-naħat bħall-Ħindu, il-Buddiżmu u t-Tao Ċiniż. Din il-viżjoni orjentali toffri fehma differenti dwar id-divinità, partikolarment fuq l-għarfien ta' "Alla" — iżda fl-essenza, Sammut juri li r-ruħ ta' dawn iż-żewġ perspettivi hija kważi identika.

Il-ktieb huwa maqsum fi tnejn: żewġ partijiet b'sitt kapitli kull waħda, u jiftaħ b'Introduzzjoni. F'din, l-awtur jagħti ħarsa ġenerali lejn "l-istorja l-oħra" tal-Kristjaneżmu — jiġifieri mhux dik uffiċjali, imma l-verżjoni injorata jew iċċensurata tagħha. Din l-Introduzzjoni sservi bħala sfond għat-tema ewlenija tal-ktieb, li tissawwar minn firxa wiesgħa ta' mistoqsijiet u suġġetti komplementari. Bħal: X'kienu jaħsbu l-filosfi bikrin tal-Greċja Klassika dwar Alla? X'jgħidulna l-kotba sagri tal-Orjent? X'inhu l-Brahman? X'inhi r-rikorrenza eterna u l-volontà ħielsa? X'inhi l-consciousness tal-bniedem? Min kien il-Buddha, u sa liema punt it-tagħlim tiegħu affettwa l-formazzjoni spiritwali ta' Ġesù?

Dawn u oħrajn huma l-mistoqsijiet li Sammut iwieġeb waqt li jdaħħal ukoll l-għarfien tax-xjenza moderna, biex jgħin lill-qarrej jifhem aħjar il-karattru universali ta' dan it-tagħlim.

Tul il-ktieb kollu, Sammut juri kif minkejja d-diversità tar-reliġjonijiet madwar id-dinja, teżisti waħda: Spiritwalità Kożmika, li ma tappartjenix lil reliġjon partikolari, imma li hi ta' kulħadd.

Fuq dan il-ktieb filosofiku, il-Professur Michael Zammit mid-Dipartiment tal-Filosofija fl-Università ta' Malta jikkummenta hekk:

"F'dil-kitba filosofika tiegħu, Anton Sammut jistħarreġ il-filosofija tal-ispiritwalità kożmika biex jiftaħ l-għajnejn għal ħsieb tassew ġdid. B'leħen ċar u oriġinali — f'kuntest fejn dan it-tip ta' diskors hu rari fil-pajsaġġ intellettwali Malti — dan il-ktieb iwassalna biex nifhmu aħjar li l-bniedem hu l-istess kullimkien u għal dejjem. F'kull dimensjoni, inkluża dik spiritwali-filosofika, aħna konfrontati bl-istess mistoqsijiet fundamentali.

Sammut ma jillimitax ruħu għat-tradizzjonijiet spiritwali u filosofiċi tal-Punent jew tal-Mediterran biss, imma jħares ukoll lejn il-Lvant imbiegħed — bħall-Brahmaniżmu, Ħinduiżmu, Buddiżmu u t-Tao — li lkoll jaffermaw li l-għeruq tagħhom jinsabu proprju f'din l-ispiritwalità kożmika.

Minn din il-perspettiva, niżżi ħajr lis-Sur Anton Sammut li f'dan il-ktieb fetaħ għajnejn il-għerf għal fehma tassew unika u valida, speċjalment fil-kuntest li qegħdin fih illum."[2]

Note: *This is a verbatim Maltese transcription of a newspaper article originally published in* **It-Torċa** *on 4 January 2015 (Letteratura, p. 49). The article discusses Anton Sammut's book* **Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika**. *The layout and formatting have been adapted for ease of reading, while preserving all original content and meaning.*

---

[1] *It-Torċa*, "*Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika – ktieb ta' Anton Sammut*," 4 January 2015, Literature Section, p. 49.

[2] Blurb/Review of *The Philosophy of Cosmic Spirituality* by Anton Sammut (ISBN: 978-99957-0-747-7).

This document reproduces in full the English translation of a Maltese-language newspaper article reviewing the book **The Philosophy of Cosmic Spirituality** *(2014) by Anton Sammut. The article was originally published in* **It-Torċa** *on Sunday, 4 January 2015 (Letteratura section, p. 49).*

The Philosophy of Cosmic Spirituality – book by Anton Sammut

A newspaper review of *The Philosophy of Cosmic Spirituality* by Anton Sammut

Originally published in ***It-Torċa***, Sunday, 4 January 2015 (Literature Section, p. 49)[1]
ISBN: 978-99957-0-747-7

In 2011, Anton Sammut — who, among other works, is the author of the 2008 philosophical novel *Alte Vestiga* — published his research monograph *In-Naħa l-Oħra tal-Istorja Ġudeo-Kristjana* (2011), which appeared a year later in English as *The Other Side of the Judeo-Christian History*.

As the title suggests, the objective of this study was not to recount Judeo-Christian history as handed down by official religious institutions, but rather to illuminate aspects that have been censored or omitted from that very history.

Subsequently, in 2013, Sammut published another study entitled *Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika*, which in 2015 was released in English as *The Philosophy of Cosmic Spirituality*. As the subtitle indicates, the book explores a universal, philosophical form of spirituality common to all — a cosmic spirituality taught, among others, by the Buddha, Jesus, and other great spiritual figures.

In this book, Sammut succeeds in bringing together the two principal spiritual paradigms on which today's world religions are founded. On one hand, there is the Western tradition, which includes Judaism, Christianity, and Islam — a paradigm that represents God in a form familiar to many. On the other hand, we find the Eastern tradition, encompassing the major religions of that region, such as Hinduism, Buddhism, and Chinese Taoism. As Sammut presents it, this Eastern perspective offers a conception of divinity that differs significantly from that of the

West — particularly in its understanding of God — yet, as he argues, the essence remains strikingly similar.

The book is divided into two parts, each comprising six chapters, and begins with an Introduction. In it, Sammut offers an overview of the "other" history of Christianity — again, not the official version, but the lesser-known, often-suppressed narratives. This introductory section provides the historical and philosophical context for the book's central thesis, which is further enriched by a wide range of complementary topics.

Among the questions Sammut addresses are: What did the early Greek philosophers believe about God? What do the sacred Eastern texts reveal? What is the Brahman? What are eternal recurrence and free will? What is human consciousness? Who was the Buddha, and to what extent did his teachings influence the spiritual formation of Jesus? These questions are frequently linked to insights from modern science, helping the reader to visualise the universality of this form of spiritual teaching.

Throughout the book, the reader is guided towards the realisation that, although many religions exist across the world, there is ultimately a single, shared spirituality — a Cosmic Spirituality that does not belong to any one religion, but rather to all.

Regarding Sammut's philosophical work, Professor Michael Zammit from the Department of Philosophy at the University of Malta commented:

"In this philosophical work, Anton Sammut explores the philosophy of cosmic spirituality with the aim of opening the mind to a truly new way of thinking. With a clear and original voice — one that is refreshingly distinct in the Maltese intellectual landscape — this book leads us to a deeper understanding of the fact that humanity is one and the same across time and place, and that in every dimension, including the spiritual and philosophical, we ultimately confront the same fundamental questions.

It follows that Sammut does not confine himself solely to the spiritual and philosophical traditions of the Mediterranean or the West, but ventures further — examining the ancient

spiritual and philosophical legacies of the East: Brahmanism, Hinduism, Buddhism, and Taoism — all of which trace their origins to this same cosmic spirituality.

From this perspective, I am grateful to Mr Anton Sammut for opening the eyes of wisdom to a unique and valuable understanding, especially in the context in which we find ourselves today."[2]

Note: *This is an English translation of a newspaper article originally published in* **It-Torċa** *on 4 January 2015 (Letteratura, p. 49). The article discusses Anton Sammut's book* **Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika**. *The layout and formatting have been adapted for ease of reading, with all original content and interpretations preserved.*

---

[1] *It-Torċa*, "*Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika – ktieb ta' Anton Sammut*," 4 January 2015, Literature Section, p. 49.

[2] Blurb/Review of *The Philosophy of Cosmic Spirituality* by Anton Sammut (ISBN: 978-99957-0-747-7).